# L-ISTORJA TA' L-IMSIDA

Darba tkellimt ma' wieħed li pprova jikkonvinċini li l-Imsida m'għandiex storja għax twieldet il-bieraħ. Kien wieħed li ma jafx l-sitorja ta' l-Imsida.

L-Imsida għandha l-istorja mbegħda tagħha li mhux kulħadd jaf biha. Għandha l-knisja tal-Kunċizzjoni li tasal sas-seklu sitta u l-Għajn tal-Ħasselin fis-seklu tmintax. Għal xi wħud dawn biss hemm fl-Imsida għax ma jafux b'ħaġa oħra qabel dawn.

Il-qofol tal-istorja tal-Imsida qiegħed fis-seklu l-ieħor meta dan il-villaġġ sar post ta' kommunikazzjoni importanti għat-tramuntana ta' Malta, u arterja vitali għal tas-Sliema u San Ġiljan.

F'dan is-seklu, b'mod speċjali fl-aħħar nofs tiegħu, nsibu li nfetħu l-aqwa toroq, bħal Rue D'Argens u x-xatt ta' Ta' Xbiex, mhux għall-Imsida daqskemm għal Tas-Sliema u San Ġiljan, li permezz tagħhom l-Imsida kibret rapidament u għelbet bil-bosta lil min taha l-ħajja.

Kien f'dan is-seklu 19 li l-Imsida insibu residenza estiva tal-aqwa nies ta' Malta għal dan iż-żmien; twieldu u għexu nies kbar bħall-professur Dun Karm Zammit u Sir Augustus Bartolo. F'nofs dan is-seklu wkoll infetħet l-ewwel skola primarja fl-Imsida u kellna bħala surmast lil Achille Ferris storiku magħruf.

L-Imsida kienet popolari ħafna, fqira imma maħbuba minn kulħadd.

F'dan l-istess seklu 19 il-popolazzjoni tal-Imsida kellha varjazzjoni kbira. Bdiet timtela bi djar u nies u ma baqgħetx tiswa biss għall-villeġġjatura. Bdiet l-evakwazzjoni lejn tas-Sliema iżda r-residenti reġgħu żdiedu ferm aktar fis-seklu tagħna. Il-popolazzjoni titlob kumditajiet aktar u akbar, li fis-seklu l-ieħor kienu diffiċli għal kulħadd; imma fl-Imsida nsibu li s-servizz reliġjuż kien qed jingħata aħjar mill-Knisja tal-Kunċizzjoni li saret sagramentali fl-1835; il-Magħmudijiet bdew isiru fl-istess Knisja fl-1836 sakemm fl-1867, inqatgħet għal kollox minn B'Kara u saret parroċċa awtonoma.

Din l-awtonomija fetħet l-istorja tal-lum bil-bini ta' Knisja ġdida li hija l-attrazzjoni mhux tal-Maltin biss imma tat-turisti wkoll.

Jien għamilt riċerki kbar, fit-tul u serji biex fuqhom u fuqhom biss inkun nista' nibni storja dokumentata tal-Imsida. Ix-xogħol jieħu fit-tul għax ir-riċerki huma diffiċli u jieħdulek ħafna ħin. Bl-għajnuna t'Alla naslu x'imkien. Qiegħed insib l-għajnuna ta' bosta ħbieb fil-qasam ta' l-istorja, u oħrajn li lanqas biss nafhom. Tinħtieġ iżjed koperazzjoni minn nies fl-Imsida li jafu xi ħaġa jew li għandhom xi dokuimenti u ritratti. Ikun għajb jekk il-barranin jgħinu iżjed minn ta' ġewwa. Ikun għajb akbar jekk wara li jsir ix-xogħol li qiegħed insemmi joħrġ xi ħadd b'xi ħaġa meta jkun tard wisq.

Kulħadd jixtieq li l-Imsida jkollha storja serja; għaldaqstant nagħmlu appell għal aktar koperazzjoni issa, għax ix-xogħol daħal 'il ġewwa ġmielu, il-materjal huwa numeruz u x-xogħol tal-kitba nbeda. L-aħħar għajnuna li nitlob hija TALB 'l Alla u lil San Ġużepp biex il-mibdi jintemm.

**Fr. Joe Calleja.**